# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru, 2024**

**RIKORS NRU: 89/2024ISB**

**Christian Mercieca (K.I. nru. 151596M)**

**Vs**

**Edrichton Holidays Limited (C 3111); u Cavendish Hotels Ltd (C 8372)**

**PROVVEDIMENT FINALI MOGĦTI IN CAMERA LLUM GĦAR-RIKORS TA' CHRISTIAN MERCIECA DETENTUR TAL-KARTA TA' L-IDENTITA' NUMERATA 151596M DATAT 2 TA' OTTUBRU 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors ta' Christian Mercieca** tat-2 ta' Ottubru 2024 u li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex:

> ***ai termini tat-tieni subinċiz tal-Artikolu 224 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta jingħata l-permess sabiex tkompli tinstema l-kawża quddiem il-Prim Awla, Qorti Ċivili salv kwalunkwe deċiżjoni oħra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li hija xierqa u opportuna.***

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi, r-rikorrenti jforni servizz ta' tindif fl-istabbilimenti operati mill-intimati;*

2. *Illi, l-kumpanija Edrichton Holidays Limited (C3111) ġiet xjolta permezz ta' sentenza mill-Onorabbli Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ tas-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) b'effett mill-ewwel (1) ta' Marzu ta' l-istess sena u r-Riċevitur Uffiċjali Dr Ingrid Hamilton nħatret bħala stralċarju tal-imsemmija soċjetà;*

3. *Illi, r-rikorrenti fetaħ il-kawża bin-numru 313/2023/AF fl-ismijiet premessi permezz tar-rikors ġuramentat datat t-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) sabiex jitlob lil Qorti tiddikjara u tikkundanna lill-intimati jagħmlu l-ħlas ta' wieħed u tletin elf u erbgħa u erbgħin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (EUR31,044.49) (hekk kif jidher mir-rikors ġuramentat anness u mmarkat bħala DOK.A);*

4. *Illi, fir-rikors datat il-ħmistax ta' Novembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) r-Riċevitur Uffiċjali talbet sabiex il-kawża tiġi sospiża fin-nuqqas li jinġieb permess mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ;*

5. *Illi, permezz tar-risposta għar-rikors tar-Riċevitur Uffiċjali datata l-għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), l-esponenti obbliga ruħu li jagħmel dak kollu neċessarju sabiex iġib il-permess minn din l-Onorabbli Qorti sabiex ikun jista' jipproċedi b'din il-kawża;*

6. *Illi, permess tad-digriet datat l-ewwel (1) t'Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), l-istess Qorti Ċivili, Prim Awla irriservat li tipproċedi bil-kawża sakemm l-esponenti jkun għamel dak li obbliga ruħu jagħmel.*

Rat ir-**Risposta tar-Riċevitur Uffiċjali** tas-16 ta' Ottubru 2024 u li permezz tagħha hija rrispondiet hekk:

*Illi permezz tal-preżenti l-esponenti, f'isem Edrichton Holidays Ltd u Cavendish Hotels Ltd, wara li ġiet notifikata bir-rikors ta' Christian Mercieca fl-14 t'Ottubru 2024, fl-ismijiet kif premessi hawn fuq, tirrileva:*

*Illi l-kumpanija Edrichton Holidays Ltd ġiet xjolta permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ bin-numru 12/2023 tas-6 t'Ottubru 2023, b'effett mill-1 ta' Marzu 2023 u l-esponenti Riċevitur Uffiċjali nħatret bħala stralċjarja tal-imsemmija kumpanija;*

*Illi l-kumpanija Cavendish Hotels Limited ġiet xjolta permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ bin-numru 11/2023 tas-6 t'Ottubru 2023, b'effett mit-28 ta' Frar 2023 u l-esponenti Riċevitur Uffiċjali nħatret bħala stralċjarja tal-imsemmija kumpanija;*

*Illi fit-23 ta' Marzu 2023, ir-rikorrenti ressaq rikors bin-numru 313/2023 quddiem il-Prim Awla, Qorti Ċivili kontra s-soċjetajiet esponenti li bih talab lil dik il-Qorti sabiex tikkundanna lis-soċjetajiet esponenti jħallsu lil Christian Mercieca is-somma ta' wieħed u tletin elf u erbgħa u erbgħin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€31,044.49);*

*Illi fil-15 ta' Novembru 2023 l-esponenti Riċevitur Uffiċjali ressqet rikors quddiem il-Prim Awla, Qorti Ċivili fl-atti tal-imsemmi rikors bin-numru 313/2023, fejn talbet lil dik il-Qorti tissospendi l-proċeduri pendenti quddiemha sakemm ir- rikorrenti jikseb il-permess meħtieġ ai termini tal-artikolu 224(2) tal-Kap. 386, liema talba intlaqgħet mill-Qorti permezz ta' digriet tal-1 t'Awwissu 2024 (kopja tal-provvediment hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok. A)****;*

*Illi r-rikorrenti ntavola talba sabiex jikseb il-permess meħtieġ permezz ta' kawża ġdida. Madankollu, il-proċess ta' stralċ għandu jitmexxa mill-esponenti stracjarju taħt il-kontroll u skrutinju tal-Onorabbli Qorti li ordnat ix-xoljiment u l-eventwali stralċ, fl-interess tal-kredituri, u jekk ikun il-każ il-kontributuri tal-kumpanija;*

*Illi dan ir-rikors kellu jiġi preżentat fl-atti tal-kawża ta' stralċ pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ ippreseduta mill-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey u cioe fl-ismijiet* ***Edrichton Holidays vs X*** *bin-numru tar-rikors* ***12/2023*** *u fl-atti tal-kawża ta' stralċ pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ ippreseduta mill-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey u cioe fl-ismijiet* ***Cavendish Hotels Ltd vs X*** *bin-numru tar-rikors* ***11/2023****;*

*Illi tenut kont tas-suespost, ai termini tal-artikolu 224(2) tal-Kap.386,* ***"Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 228, ma għandha tinbeda jew titkompla l-ebda azzjoni jew proċedura kontra l-kumpanija jew il-proprjetà tagħha, ħlief bil-permess tal-Qorti u soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti tista' timponi."*** *Tali impediment huwa r-regola u għandu japplika fiċ-ċirkustanzi kollha, u l-permess li jingħata mill-Qorti biex xi proċedura tkompli hija l-eċċezzjoni;*

*Għalkemm id-deskrizzjoni tal-Qorti hija assoluta, f'dan il-każ ma jidhirx li huwa l-ispirtu tal-liġi li tali talbiet jintlaqgħu f'kull każ fejn parti jkollha dritt x'tikkawtela kontra kumpanija xjolta. L-esponenti jsostni li l-użu ta'* ***tali eċċezzjonijiet m'għandhomx jiġu interpretati bħala wiesgħa;***

*Illi l-leġislatur ma ħassux li għandu jispeċifika f'liema każijiet tali proċeduri għandhom jiġu ammessi jew għandhom jissoktaw u ħalla f'idejn l-Onorabbli Qorti biex tiddeċiedi;*

*Illi din id-dispożizzjoni tal-imsemmi Artikolu 224(2) fil-liġi tagħna hija analoga għal dik Ingliża (vide Insolvency Act 1986, ss.130 u qabel s 231 tal-Imperial Companies Act 1948) li fuqha huma bbażati l-artikoli li jirrigwardaw l-istralċ ta' kumpanija fl-Att dwar il-Kumpaniji, Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi l-interpretazzjoni tal-Qrati Ingliżi hi waħda konsistenti u cioe' li din id-dispożizzjoni hi ntiża* ***primarjament fl-interess tal-korp ta' kredituri ta' kumpanija li tkun ġiet xjolta u li tkun għaddejja minn proċess ta' stralċ, u għaldaqstant, l-ebda kreditur tal-kumpanija xjolta ma għandu jieħu jew ikollu xi vantaġġ fuq kredituri oħra billi jagħmel jew ikompli proċeduri fil-Qorti kontra l-imsemmija kumpanija xjolta;***

*Fi kliem il-Qorti tal-Appell (Divizjoni Ċivili) Ingliza fil-każ ta' Langley Constructions (Brixham) Ltd v Wells; Wells Estate (Dartford) Ltd v Wells (1969) 2 All ER 46:*

*"The purpose of s 231 is clear and has not been challenged in argument. It is to ensure that when a company goes into liquidation the assets of the company are administered in an orderly fashion for the benefit of all the creditors and that particular creditors should not be able to obtain an advantage by bringing proceedings against the company. What is contemplated is that the Companies Court shall be seized of all these matters and shall see that the affairs are wound up in a dignified and orderly way."*

*Illi wara kollox ir-Riċevitur Uffiċjali, waqt l-inkarigu ta' straċjarja mogħti lilha minn din l-Onorabbli Qorti, diġà indikat lir-rikorrenti Christian Mercieca bħala kreditur fl-ammont mitlub minnu u ssaldatu bħala dejn tal-kumpaniji xjolti, hekk kif l-imsemmi rikorrenti issottometta żewġ formoli ta' prova ta' dejn magħrufa bħala Proof of Debt Form kemm kontra s-soċjetà Edrichton Holidays Ltd għall-ammont ta' tmintax -il elf, tlett mija u sebgħa u għoxrin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€18,327.48) kif ukoll kontra s-soċjetà Cavendish Hotels Ltd għall-ammont ta' disat elef u*

*wieħed u erbgħin Ewro u tmienja u tmenin ċentezmu (€9,014.88) (hawn annessi u mmarkata bħala* ***Dok. B*** *u* ***Dok. Ċ*** *rispettivament);*

*Illi mid-dokumenti tal-kumpaniji xjolti li għandha l-esponenti għad-dispożizzjoni tagħha tista' tindika li l-ammont mitlub mir-rikorrenti Christian Mercieca, huwa dejn tal-kumpaniji xjolti.*

*Illi l-esponenti għaldaqstant ma tarax raġuni għaliex kellu jintalab il-permess sabiex ir-rikorrenti jkompli bil-proċeduri ta' kreditu istitwiti minnu stess, u għaldaqstant, tali talba għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha;*

*Għaldaqstant, filwaqt li tagħmel referenza għall-atti, u dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi:*

*1. Tiddikjara illi r-rikorrenti kellu jintavola r-rikors imsemmi fl-atti tal-kawżi ta' stralċ pendenti quddiem il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ ippreseduta mill-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey u cioe' fl-atti tar-rikors bin-numru 12/2023 u fl-atti tar-rikors bin-numru 11/2023.*

*2. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

*Daqstant għandha umilment x'tissottometti l-esponenti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

## Ikkunsidrat:

Illi huwa paċifiku jingħad illi s-soċjeta' Edrichton Holidays Limited (C3111) ġiet xjolta b'deċizjoni ta' din il-Qorti b'effett mill-1 ta' Marzu 2023 u nħatret bħala stralċarju r-Riċevitur Ufficjali, u daqstant ieħor huwa paċifiku jingħad illi s-soċjeta' Cavendish Hotels Limited ġiet xjolta b'deċizjoni ta' din il-Qorti b'effett mit-28 ta' Frar 2023 u ukoll nħatret bħala stralcarju r-Riċevitur Uffiċjali.

Huwa paċifiku jingħad ukoll illi kien fit-23 ta' Marzu 2023 illi r-rikorrenti ressaq il-quddiem l-azzjoni tiegħu bin-numru 313/2023 mertu ta' din il-vertenza, liema proċeduri, ukoll kif jirriżulta mill-atti, huma huma *money claim* kontra s-soċjetajiet xjolti u ġew intavolati wara illi s-soċjetatijiet msemmija ġew xjolti.

Illi jirriżulta illi l-proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili jinsabu sospiżi pendenti dawn il-proċeduri fuq talba tar-Riċevitur Uffiċjali.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi r-rikorrent qed iressaq it-talba tiegħu ai termini tal-Artikolu 224(2) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, li igħid espressament hekk:

> *(1) Ma' l-egħmil ta' ordni għal stralċ, jew maċ-ċaħda ta' rikors għal xoljiment, kopja tal-ordni jew taċ-ċaħda għandha minnufih tintbagħat mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.*
>
> *(2) Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 228, ma għandha tinbeda jew titkompla l-ebda azzjoni jew proċedura kontra l-kumpanija jew il-proprjetà tagħha, ħlief bil-permess tal-Qorti u soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti tista' timponi.*

Ir-Riċevitur Uffiċjali intimat ssostni:

a) Illi dan ir-rikors kellu jitressaq fl-atti tal-istralċ partikolari, u allura fl-istralċ 11/2023ISB riferibbli għall-istralċ tas-soċjeta' Cavendish Hotels Limited u fl-istralċ 12/2023ISB riferibbli għall-istralċ ta' Edrichton Holidays Limited; u

b) Illi għalkemm id-diskrezzjoni tal-Qorti hija wiesa', b'dana kollu fl-interess tal-korp tal-kredituri f'kull stralċ, il-permess tal-Qorti għandu jingħata f'ċirkostanzi biss eċċezzjonali; u

c) Illi fuq kollox, ir-Riċevitur Ufficjali ġja kienet indikat lir-rikorrenti bħala kreditur fl-ammont minnu riklamat fil-kawża wara illi dan stess issottometta l-formoli tal-prova tad-dejn kontra ż-żewġ soċjetajiet *de quo*, u

Konsegwentament talbiet illi r-rikors jiġi miċħud.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi qabel xejn irid jingħad illi minn qari tal-artikolu ċitat hawn aktar il-fuq, ma jirriżultax illi r-rikors kellu neċessarjament isir fl-atti tal-proċeduri ta' stralċi msemmija. Filwaqt illi proċeduralment jkun jagħmel sens li jsir hekk u filwaqt illi fil-prattika fil-fatt hekk isir, b'dana kollu, rinfaċċjata hawnhekk

b'rikors *ad hoc*, il-Qorti tqis illi peress illi l-liġi trid biss illi permess jrid jiġi ottenut mill-Qorti, liema Qorti hija definiti fit-tieni Artikolu tal-KAP 386 bħala "*tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)*", kwindi, din il-Qorti ma tarax għaliex m'għandiex tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors u fl-istess ħin xejn ma jżommha milli tieħu konjizzjoni tal-proċeduri ta' stralċ li effettivament xorta waħda jinsabu quddiemha.

Jibqa' l-fatt illi għall-kompletezza tal-proċeduri jkun dejjem aħjar illi rikorsi bħal dawn jiġu ntavolati fl-atti tal-istralċi partikolari, iżda ma tqisx illi proċedura *ad hoc* bħal din odjerna hija nulla.

Dwar il-mertu *per se* tar-rikors, ossia, it-talba għal permess, din il-Qorti ser tagħmel ampja referenza għal dak li ngħad minn din il-Qorti stess kif diversament preseduta fil-provvediment tagħha tat-28 ta' Jannar 2021 fir-Rikors Nru. 75/2015/JZM fl-atti tal-istralċ tal-kumpannija **Cassar & Schembri Marketing Ltd (C-33174),** meta ntqal proprju hekk:

> ***III. L-Art 130(2) tal-Insolvency Act 1986***
>
> *L-Art 224(2) tal-Kap 386 huwa mfassal fuq l-Art 130(2) tal-Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra li jaqra hekk :-*
>
> *When a winding up order has been made or a provisional liquidator has been appointed, no action or proceeding shall be proceeded with or commenced against the company or its property except by leave of the court and subject to such terms as the court may impose.*
>
> ***IV. In-natura kollettiva ta` procediment ta` stralc***
>
> *Fil-pag 501 tal-ktieb "**The Law of Insolvency**" (Sweet & Maxwell - 1998) **Ian Fletcher** ighid hekk :-*
>
> *"**<u>The fundamental principle upon which winding up is based is the collective nature of proceedings</u>**. The objective underlying the relevant legal provisions is to ensure that an orderly regime is imposed upon all interested parties, so that none of them individually may contrive to enhance his position by exploiting some fortuitous circumstance which may yield some personal advantage, in the form of a larger proportional return on debts which are due, or a direct and more rapid recovery of payment, than would result from participated in the processes of the winding up, and receiving dividend in common with all other creditors whose debts carry an equal ranking in order of priority … In order to ensure that the above*

*objective is achieved the law establishes a series of barriers to the exercise by a company of its normal rights and remedies when it is prospectively or actually in litigation. By this means, the remaining assets of the company are maintained intact so that they may be administered in accordance with the principles of insolvency law". (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).*

*Issir ukoll riferenza ghal Pg 913-914 ta`* ***Boyle & Birds` Company Law – 8 th Edition – 2011*** *fejn jinghad illi :*

*Unpaid creditors of a company may consider commencing winding-up proceedings against the company as an alternative to suing for payment. As 4 a debt collection mechanism, winding up proceedings may be swifter and, for the individual creditor, less expensive than a claim that may come to trial for some time ;* ***on the other hand, winding up is a collective procedure for the benefit of creditors generally and it does not benefit specific creditors individually (F. Oditah "Winding Up Recalcitrant Debtors" 1995 LMCLQ 107)*** *… (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)*

***V. Id-diskrezzjoni tal-qorti***

***Fil-kaz odjern ma ntalab ebda permess mill-qorti sabiex jigu prezentati l-mandati in kwistjoni.***

***Pero` anke li kieku ntalab permess, tajjeb jinghad li l-qrati ghandhom diskrezzjoni wiesgha.***

*Il-qorti tirreferi ghall-gurisprudenza tal-qrati Inglizi.*

*Fil-kawza* ***In Re Aro Ltd*** *– 1980 Ch. 196, inghad illi :-*

*"In determining whether, in a compulsory liquidation, leave should be given to proceed with a claim, the court has an extensive discretion, it is free to do what is right and fair in the circumstances."*

*Fil-kawza* ***In Re Exchange Securities & Commodities Ltd (1983) BCLC 186****, inghad illi :-*

*"Generally leave will only be given where some question arises that cannot properly be determined in the winding up and where litigation is needed to resolve matters"*

*Fil-kawza* ***In Re David Lloyd & Co*** *(1877) inghad illi :-*

*"There are several circumstances where, generally, the court will allow the action to proceed. One is when the plaintiff is seeking to enforce his security, because a secured creditor is in a position where he can fairly claim that he is independent of the liquidation, since he is enforcing a right, not against the company, but to his own property."*

*Fil-kawza* ***In Re Barrow (Leeds) Ltd (1982)*** *inghad illi :-*

*"Leave will readily be given if the plaintiff undertakes not to enforce against the company any judgment he may obtain, without leave of the court".*

***VI. Konsiderazzjonijiet***

***Il-qorti hija tal-fehma li t-talbiet tal-istralcjarju huma fondati tajjeb fid-dritt waqt li dawk tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali fil-funzjoni tieghu bhala Registratur tal-Qrati ta` Kompetenza Civili jippekkaw fis-sostenibbilita` legali taghhom tenut kont tal-fatt li stralc ta` kumpannija huwa procediment specjali regolat b`ligi specjali, li ghaliha ma jghoddux disposizzjonijiet applikabbli fi procedimenti ordinarji.***

*Sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta` Lulju 1960 fil-kawza* ***Antonio Caruana et vs Joseph Debono et*** *tfisser bl-aktar mod limpidu dak li jsir fi stralc.*

*Dan huwa pronunzjament gudizzjarju li ghadu jghodd anke llum.*

*L-istralc kien deskritt mill-qorti bhala :*

*dak il-perijodu transitorju mehtieg appuntu ghad-determinazzjoni tal attiv b`serje ta` operazzjonijiet intizi biex jillikwidaw l-affarijiet u biex jigu rizoluti l-pendenzi pendenti. L-istralcjarju hu l-mandatarju maghzul mis-soci jew mill-Qorti biex igib ghat-terminu l-operazzjonijiet in corso, jezigi l-krediti u jestingwi l-passivitajiet, u b`hekk jikkjarixxi l-affarijiet tas-socjeta` biex jasal ghal rizultat cert li juri jekk hemmx attiv x`jinqasam jew passiv li ghandu jigi sopportat. Hu ma jistax jaghti hajja ghal operazzjonijiet godda, ghaliex appuntu l-funzjoni tieghu hi dik li jillikwida l-affarijiet ga mibdijin, u ghaldaqstant ghal hekk ghandu jigi limitat l-inkariku tieghu.*

*Hija l-fehma ta` din il-qorti illi wara li kumpannija tigi xjolta b`ordni tal-qorti, u jsir l-ordni ta` stralc, il-procediment ta` stralc ma jistax jitqies bhallieku kien kawza li finalment sejjer iwassal ghal sentenza. Huwa procediment ad hoc mahluq b`ligi specjali, b`funzjoni u ghanijiet precizi. Il process ma jigix konkluz b`sentenza. L-ordnijiet, direzzjonijiet u provvedimenti li taghti l-qorti fil-kors tal-istralc sakemm tigi biex taghlaq l-istralc ghandhom jitqiesu f`din l-ottika partikolari, u anke ghalhekk mhumiex sentenzi.*

*L-argumenti li gab id-Direttur sabiex jikkontesta t-talbiet tal-istralcjarju kienu jaghmlu sens guridiku li kieku saru f`kuntest ta` procediment ordinarju. Il-kuntest odjern pero` mhuwiex ordinarju izda huwa regolat b`lex specialis li tidderoga mil-ligi generali.*

***Bis-sahha ta` ordni ta` stralc, jiskatta a collective procedure for the benefit of creditors generally (inkluz ir-Registratur). Li kieku l-qorti kellha tippermetti li kull kreditur waqt stralc "jigri" biex jiehu taht il-kontroll tieghu assi ta` kumpannija li tkun qeghda tigi stralcjata, jigi fix-xejn il-beneficcju tal-kollettivita` ta` kredituri. Waqt stralc jipprevalu d-drittijiet mhux min "jigri" l-aktar jew min ghandu "nifs" l-aktar.***

Espozzjoni tassew dettaljata tal-pożizzjoni prelevanti illi din il-Qorti kienet u għada qed tieħu meta ttrattati sitwazzjonijiet u talbiet bħal dawn. Din il-Qorti ma għandha xejn xi żżid għajr li tagħmel tagħha dan l-insenjament, mhux lanqas in linea mal-pożiżżjoni meħuda minn din il-Qorti fir-rigward ta' talbiet simili magħmula fl-atti tal-istralċi de quo, bħal per eżempju, kif jirriżulta mill-provvediment tal-5 ta' Marzu 2024 mogħti għat-talba ta' **Alexia Grima Arafa pro et noe** fl-atti tal-istralc 12/2023.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija u wara illi fliet l-atti kollha u qieset iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti qed tgħaddi sabiex:

1. **TIĊĦAD** it-talba tar-rikorrent mressqa bir-rikors tiegħu tat-2 ta' Ottubru 2024 u konsegwentament tiddikjara illi **MHIX** qed tagħti l-permess sabiex il-kawża 313/2023AF pendenti llum quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tkompli tinstema', u

2. **TORDNA** lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jara u jassikura illi kopja legali ta' dan il-provvediment jigi inserit:

- fl-atti tal-kawża **313/2023AF** fl-ismijiet Christian Mercieca (KI 15196M) vs Edrichton Holidays Limited (C3111) u Cavendish Hotels Limited (C8732) li tinsab differita għall-15 ta' Jannar 2025,
- fl-atti tal-istralċ bin-numru **11/2023ISB** riferibbli għall-istralċ tas-soċjeta' Cavendish Hotels Limited differita għas-7 ta' Marzu 2025, u,
- fl-atti tal-istralċ bin-numru **12/2023ISB** riferibbli għall-istralċ ta' Edrichton Holidays Limited differita għas-7 ta' Marzu 2025.

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra r-rikorrent.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**